# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 23 ta' Novembru, 2017**

**Rikors Numru: 809/2014JPG**

**Kawza Numru: 16**

Maryanne Vella, ID 262158M

*vs*

Brian Zammit, ID 541174M u ghal kull interess li ghandu George Zammit, ID 692951M

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Maryanne Vella (ID 262158M), datat 17 ta' Settembru 2014, li jaqra hekk;

***Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha u tikkonferma:***

*Illi l-esponenti u xhieda ta' dan huma diversi klijenti u nies ohrajn li kienu jinqdew minn ghandha kif ser jigi pruvat fil-mori ta' din il-kawza, peress li hija*

*dilettanta u aktar minn hekk persuna dedikata fit-trobbija u fil-ben essere taz-zwiemel stess, ghamlet zmien twil tforni ikel taz-zwiemel prodotti u oggetti ohrajn relatati maz-zwiemel stess lil diversi klijenti u fornituri ohrajn li jiehdu hsieb iz-zwiemel tat-tigrija f'Malta;*

*Illi l-intimat kien wiehed minn dawk il-klijenti li minn zmien ghal zmien inqeda direttament u pesonalment minghand l-esponenti kif ser jigi muri fil-mori ta' din il-kawza u mhux talli ha diversi prodotti ta' ikel u oggetti ohrajn relatati maz-zwiemel izda talli akkumula kreditu maz-zmien ammontanti ghal dsatax-il elf, sitt mija u disa' u hamsin Ewro u seba' u tletin centezmu (EUR19,659.37), liema kreditu llum huwa wiehed cert, likwidu u dovut.*

*Illi l-intimat Brian Zammit gie mhux biss interpellat kemm-il darba sabiex jersaq ghal tali hlas ta' debitu fil-konfront tal-esponenti, izda talli kien hemm zewg okkazzjonijiet fejn hu kkonsenja lill-esponenti zewg (2) cekkijiet li ma gewx imsarrfin u li gew iddikjarati mill-Bank HSBC bhala Refer to drawer kif ser jigi muri fil-mori ta' din il-kawza, apparti cekkijiet ohrajn li gew ddikjarati bhala 'Refer to Drawer", li maz-zmien gew mibdulin fi flus u gew ikkancellati b'mod sussewgwenti;*

*Illi l-inadempjenza tal-intimat li jersaq ghall-effettiv hlas ta' dan l-ammont surreferit ormai qed tohloq pregudizzju serju ghall-interessi finanzjaji tal-pesponenti stante li dan l-ammont illum huma kreditu u kien meqjuz bhala kreditu komplessiv u globali mill-mument li l-intimat ma baqa jisserva direttament minghand l-esponenti fis-sena 2010;*

*Illi l-esponenti wara li ntavolat ittra ufficjali ai termini u ai finijiet tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 rat illi l-intimat ukoll ikkontenda din il-kwistjoni wara li fi zmien ta' qabel huwa kien qed jammetti li verament ghandu jhallas dna l-ammont, giet kostretta sabiex tindirizza t-talba taghha ghall-hlas effettiv stante pregudizzju serju li issa qeghda ssofri.*

*Ghaldaqstant jgħid ghaliex l-intimat m'ghandhix din il-Wisq Onorabbli Qorti:*

a) *Tiddikjara u tikkonferma illi Brian Zammit, detentur tal-karta tal-identita' numru 0541174M, huwa debitur fil-konfront tal-esponenti Maryanne Vella, detentrici tal-karta tal-identita' numru 262158M ghas-somma ta' dsatax-il elf, sitt mija u disa' u hamsin Ewro u seba' u tletin centezmu (EUR19,659.37);*

b) *Tordna subordinatament u konsegwentement wara tali dikjarazzjoni u konferma tal-ewwel talba, sabiex l-intimat Brian Zammit, detentur tal-karta tal-identita' numru 0541174M, sabiex jersaq ghall-hlas effettiv ta' dsatax-il elf, sitt mija u disa' u hamsin Ewro u seba' u tletin centezmu (EUR19,659.37) u dana fi zmien qasir u perentorju li din il-Wisq Onorabbli Qorti jghogobha tipprefiggi;*

c) *Taghti kull rimejdu, mizura jew direttiva sabiex jigu kawtelati l-interessi tal-kreditrici Maryanne Vella, detentrici tal-karta tal-identita' numru 2962158M, b'tali mod li l-intimat Brian Zammit, detentur tal-karta tal-identita' numru 0541174M ma jahrabx u ma jevadix mill-obbligazzjonijeit tieghu li naturalment illum huma assunti fil-konfront ta' l-istess Maryanne Vella.*

*Bl-ispejjez tal-prezenti kawza u ta' l-ittra ufficjali 166A datata u bl-imghazijiet kummercjali li bdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali u bl-ingunzjoni tal-intimat f'din il-kawza.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-risposta guramentata ta' Brian Zammit (ID 541174M) u George Zammit (ID 692951M), datata 2 t'Ottubru 2014, (vide fol 12 et seqq.), li taqra hekk;

*Jesponu bir-rispett u bil-gurament tieghu Brian Zammit jikkonferma:*

1. *Illi l-interpellazzjoni ai termini tal-Ittra Ufficjali taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 saret biss fil-konfront tal-intimat Brian Zammit li kif ippremetta fir-risposta tieghu ghal din l-ittra interpellatorja jerga' jikkonferma illu huwa mhuwiex il-legittimu*

*kontradittur peress illi ma kienx jixtri prodotti kif erronjament premess mill-attrici. Huwa kien jixtri minghand l-attrici sas-sena 2004 u kif issa hija stess tippremetti l-hlas tac-cekkijiet li kienu refer to drawer thallsu fi flus kontanti u ghalhekk kull debitu kien effettivament u definittivament estint;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess kull konsenja giet debitament mhallsa minn George Zammit li qatt qabel il-presenti kawza ma rcieva ebda interpellanza jew talba ghall-hlas u ghalhekk kull talba hija mhux biss infondata fil-fatt u fid-dritt, izda hija sahansitra preskritta ai termini tal-Artiklu 2148(b), 2151 u 2156 (f);*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-attrici ma ppresentat ebda accettazzjoni jew firem bhala konferma mid-debitur ghall-konsenji u ghalhekk ma jesisti ebda kontroll ta' debitu issa pretiz inspjegabbilment u certament mhux sostanzjat u dan ukoll ai termini tal-Artiklu 2151 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal taghha tat-8 ta' mejju, 2017 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet inghataw il-fakolta' li jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet (Vide Fol 52);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti tas-16 ta' Gunju 2017 (Vide Fol 66 *et seqq.)* li gie notifikata lid-difensur tal-intimati fid-19 ta' Gunju 2017.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati tal-10 ta' Ottubru 2017 (Vide Fol 89 *et seqq.)* li gie notifikata lid-difensur tal-intimati fid-19 ta' Gunju 2017.

**Ikkonsidrat:**

**Ir-rikorrenti** xehdet permezz ta' affidavit a fol 17 *et seqq.* illi hija kienet tbiegh prodotti u oggetti ohrajn taz-zwiemel u spjegat illi f'Gunju tal-2008 l-intimat Brian Zammit kien ordnalha x-xoghol biex tohodulu n-Naxxar fejn kellu z-zwiemel kif dejjem ghamlet u kellhom jitkellmu fuq il-kont. Kompliet illi l-istess Brian Zammit kien ta cekkijiet li ma jissarrafux u ghalhekk hu kien ta flus kontanti u hi kienet taghtu lura dawn ic-cekkijiet, pero kien fadal problem b'zewg cekkijiet ohra li ma kienux jissarfu. Wiehed minn dawn kien fl-ammont ta' Lm500 datat 10 ta' Novembru 2007 u li Zammit kien qalilha biex izzidu mal-kont pendenti, u l-iehor kien datat 10 ta' Lulju 2008 fl-ammont ta' €3,500, ghal liema fatt kienet xhud il-mara ta' Zammit ghaliex kienet prezenti meta marret id-dar tal-konjugi Zammit. Ziedet illi kieku kien minnhom li anke ghal dawn ic-cekkijiet kien ta l-flus kontanti, kieku m'ghandhomx ghandha ghaliex kienet tatihomlu lura bhal ma ghamlet bl-ohrajn, kif jista' jigi kkonfermat bl-SMS li kienu bghatu lil xulxin.

Xehdet ukoll illi peress illi, Brian Zammit huwa bennej, kienet kellimtu biex jahdmilha bicca xoghol li kellha fi proprjeta l-Hamrun u l-kont jinqata' mill-ammont dovut lilha, u meta mar jara l-post kien qalilha li t-twaqqiegh kellu jsir bl-idejn. Spjegat li dan kien fl-2009 u f'Lulju tal-2010 kienet cemplet lil Zammit biex jitkellmu fuq l-ammont dovut lilha u rega uza l-istess skuza tal-kawza li ghandu missieru, u dakinhar kienet taghtu l-ahhar kont dettaljat.

**In kontro-ezami** a fol 61 *et seqq.* xehdet illi Brian Zammit kellu kont miftuh maghha, u kienet tikteb karta dubblikata ta' dak li kien jiehu. Din il-karta kienet zzommha hi imbaghad fl-ahhar tax-xahar kienet taghtih kopja ta din il-karta u Zammit ma kienx imur ihallasha. Spjegat li hi kienet marret in-Naxxar ghand George Zammit li ghandu l-garaxx taht id-dar ta' Brian Zammit u kienet ammettiet li kienet kitbet hazin ordni li kien ghamel, izda nnegat li kien hassu tradut minhabba dan. Xehdet illi xi drabi kien ihallaha bic-cekk.

**Lonzu Schembri** xehed permezz ta' affidavit a fol 22 illi hu kien sid tan-negozju u kien jiehu hsieb il-kummerc tal-merkanzija relatata ma' prodotti taz-zwiemel, flimkien mar-rikorrenti. Xehed illi wara li qara l-affidavit tar-rikorrent, jikkonferma l-kontenut tieghu, u jaqbel perfettament mal-ammont pretiz mir-rikorrent. Spjega li hu jinsab fil-posizzjoni li

jaghmel dan, peress illi hu kien prezenti flimkien mar-rikorrenti meta Brian Zammit kien ta cekkijiet li ma jissarfux lir-rikorrenti u meta kienu marru jaraw proprjeta fejn Zammit kien ser jaghmel xi xogholijiet bi tpacija ghall-ammont dovut lir-rikorrenti, liema weghda ma nzammet qatt.

**Brian Zammit** xehed permezz ta' affidavit a fol 30 illi jikkonferma li hu kien jixtri l-ikel ghaz-zwiemel minghand ir-rikorrenti, li kienet tohroglu kont fl-ahhar tax-xahar u hu kien ihallsu, u dan fil-perjodu bejn is-sena 2000 u s-sena 2004, ghaliex imbaghad ma kienx baqa' biz-zwiemel. Ikkonferma wkoll li kien hemm xi drabi fejn xi cekkijiet ma ssarfux, izda qal li kull darba li gara hekk, kien ta l-flus in kontanti, u hija kienet taghtu lura c-cekkijiet.

Xehed ukoll illi missieru George Zammit kien baqa' jixtri minghandha wara l-2004 peress li anke hu kellhu z-zwiemel, kien hemm drabi fejn kien ikun hu li jmur jigbor il-gwiez ghall-missieru minghand ir-rikorrenti, ghalkemm responsabbli ghall-kont kien jibqa' missieru. Spjega li missieru kien waqaf jixtri minghand ir-rikorrenti xi sena jew sentejn wara li kien waqaf hu, peress illi kien sab xi kontijiet doppji u anke sab li r-rikorrenti kienet talbitu hlas ghal medicina ghal ziemel li kienu ga miet. Kompla illi kien biss f'Gunju tal-2014 li ghall-ewwel darba ircieva ittra ufficjali kontra tieghu permezz ta' liema r-rikorrenti kienet qed tippretendi hlas ta' €19,659.37, ghalkemm missieru qatt ma rcieva xejn. Xehed li ma jafx ghalfejn ir-rikorrenti qed tippretendi dan l-ammont peress illi huwa dejjem hallas dak dovut.

Xehed ukoll viva voce a fol 33 *et seqq.* u nnega li kien hemm intendiment bejnu u r-rikorrenti li jaghmlilha xi xoghol fi proprjeta li kellha l-Hamrun bi tpacija tal-ammont dovut lilha minnu. Ikkonferma pero li kien hu li ta d-dokument ezebit a fol 25 u spjega li dan id-dokument kien lista ta' prezzijiet ta xoghol ta bini li r-rikorrenti rieditu jaghmel f'din il-proprjeta tal-Hamrun. Zied illi din hi lista *standard* tal-prezzijiet, ghalkemm illum il-gurnata l-prezzijiet inbidlu. Kompla li wara li ma jara l-fond u ghaddielha l-lista ta' prezzijiet, r-rikorrent ma regghatx kellmitu dwar dan il-fond, u ghalhekk hu haseb li kienet rat il-prezzijiet gholjin. Rega kkonferma li m'hemm xejn dovut minnu lir-rikorrenti, u zied li r-rikorrenti qatt ma kienet taghtu xi fatturi jew talbitu biex jiffirma xi dokumenti. Mistoqsi mill-Qorti jekk qattx kien hemm xi drabi fejn ir-rikorrenti taghtu merkanzija u hu ma hallasiex, wiegeb fl-affermattiv u spjega li xi drabi kien tibaghtlu fuq il-post meta ma

jkunx hemm, u tilhaq titlaq sakemm jasal u ghalhekk ma kienx ikun jista' jhallasha dak il-hin, pero mbaghad kien imur u jhallasha.

**In kontro-ezami** a fol 42 *et seqq.* ikkonferma illi kien ta lir-rikorrenti zewg cekkijiet li ma ssarfux, wiehed fl-ammont ta' €3,500 u l-iehor fl-ammont ta' Lm500, u ghalhekk imbaghad kien hallasha in kontanti, ghalkemm ricevuta ma taghtux ghaliex "*dik qatt ma hadmet b'ricvuta.*" Xehed li r-rikorrent kien qaltlu li jekk ma jhallisiex kienet ser tmur tghajjru l-ajruport u kienet baghtet lit-tifel ta' ohtha biex jigbor il-flus minn fejn il-bieb tal-Marsa filghodu, certu Joseph Schembri, ghalkemm zied li ma kienx kompletament cert dwar il-kunjom. Innega li minn dawn l-ammonti, hu kien hallas biss is-somma ta' €1,500. Ikkonferma li r-rikorrenti kienet baghtitlu xi sms dwar l-ammon dovut, u xehed li hu kien wiegibha li hu m'ghandu jaghtiha xejn ghaliex m'ghandux x'jaqsam mal-kont ta' missieru.

**George Zammit** xehed permezz ta' affidavit a fol 31 u kkonferma li ghal xi zmien hu kien klijent tar-rikorrenti u kien jixtri u jhallasha b'mod regolari. Spjega li l-ahhar li xtara minghand ir-rikorrenti, kien wara li kellhom iraqqdu ziemel ghaziz hafna ghalih bl-isem Hidalgo Kemp, u dan ghaliex ir-rikorrenti kienet baghtitlu kont li kien jinkludi xi affarijiet li kien johodhom dan iz-ziemel biss, u ghalhekk ma setghax ikun li kien ha dawk il-prodotti galadarba dan iz-ziemel kien miet. Qal li b'konsegwenza ta' dan, kien waqaf jixtri minghandha peress li hassu tradut. Spjega li ghalhekk hu kien issalda l-kontijiet pendenti u kien avzaha li minn dakinhar il-quddiem, ried li jiffirma ghal kull prodott li jiehu minghandha, izda baqa' jixtri ftit u eventwalment kien qaghtahha. Xehed li dan kien ghal habta tas-sena 2005. Zied ukoll illi xi drabi kien jibghat lil ibnu Brian Zammit sabiex jigbor il-prodotti ghalih minghand ir-rikorrenti. Huwa nnega li hemm xi ammont dovut lir-rikorrenti. Mistoqsi jekk kienx izomm xi annimal n-Naxxar mad-dar tieghu, wiegeb fin-negattiv u spjega li dan kien ghaliex il-garaxx li hemm taht id-dar tieghu m'huwiex proprjeta tieghu.

**In kontro-ezami** a fol 53 *et seqq.* xehed illi ma jafx ezatt kemm kellhu zwiemel fiz-zmien in kwistjoni, peress li kien hemm zwiemel li ma kienux tieghu, pero llum il-gurnata ghandu tnejn. Mistoqsi mill-Qorti kemm kellhu zmien ibnu meta beda biz-zwiemel, xehed li kellhu cirka ghoxrin sena. Xehed ukoll illi ghall-ewwel, kienu jzommu z-zwiemel Hal Qormi izda mbaghad ghamlu xi erba' xhur jzommuhom in-Naxxar fil-garaxx li hemm taht id-dar ta' ibnu Brian, qabel ma bdew jikru razzett il-Maghtab. Xehed illi l-ahhar li hallas xi

kont lir-rikorrenti, kien ghal habta tas-sena 2004/2005, u zied li r-rikorrenti qatt ma kienet taghtih ricevuta, u lanqas ma kienet taghtih rendikont ta' x'kien ordna minghandha. Qal li l-ahhar hlas li ghamel kien ta' €2,000 in kontanti, u r-rikorrenti qatt ma taghtu ricevuta ta' dan. Ikkonferma li xi drabi kienu johdulhom il-merkanzija ghandhom. Ikkonferma li persuna maghrufa bhala l-Frixa kien jahdem mieghu fil-gebel ghal xi sentejn u kien gharus lit-tifla tieghu, izda qal li kien keccieh ghaliex kien qabdu jipprova jisraq karozza. Xehed illi l-ispiza normali ghal ziemel hija ta' cirka €40 fix-xahar.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti tibda billi tinnota r-rikors guramentat tar-rikorrenti ma jaghmel l-ebda referenza ghall-intimat George Zammit, ghajr illi jissemma fl-okkju. Filfatt, il-premessi jirreferu biss ghal Brian Zammit, jew "l-intimat", mhux l-"intimati". Barra minn hekk, it-talbiet kollha tar-rikorrenti huma ndirizzati kontra Brian Zammit, u ghalhekk m'hemm l-ebda talba li l-Qorti tista' tiddeciedi dwarha fil-konfront tal-intimat George Zammit. Anke fl-affidavit taghha, ir-rikorrenti taghmel ftit li xejn referenza ghal George Zammit, u ma tispjega bl-ebda mod il-pretensjoni taghha fil-konfront tieghu, billi la suppliet prova ta' fatturi mahruga kontra George Zammit, u lanqas ma spjegat ezatt f'hiex jikkonsisti l-kreditu taghha kontra George Zammit.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Jamar Limited vs Domestic Limited** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-19 ta' Novembru 2013 inghad illi:

> "[i]*llum hu pacifiku illi l-eccezzjoni tal-interess guridiku u illegitimita tal-persuna… huma ta' portata tant serju fuq l-ezitu illi jistghu jigu sollevati ex officio mill-Qorti.*"

Vide wkoll **Francis Schembri vs Angelina sive Lina Schembri,** Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Guridizzjoni Superjuri) deciza fit-2 ta' Novembru 2007; **Kevin Chircop vs Joseph Chircop,** Qorti tal-Appell deciza 1 ta' Dicembru 2006; **Veronique Gauci et vs Marco Zammit,** Qorti tal-Appel deciza 19 ta' Mejju 2004.

Fir-rigward tal-interess guridiku, fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Schembri vs Angelina sive Lina Schembri** deciza fit-2 ta' Novembru 2007 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) fejn intqal illi:

> "[k]*if konfermat mill-gurisprudenza "biex wiehed jipproponi domanda f'gudizzju, kif ukoll biex imantniha,* ***hemm bzonn li jkollu interess fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utli jew vantaggjuz" (Beatrice Manche noe –vs- Maria Montebello****, Appell Civili, 13 ta' Frar 1953), "b'mod li jekk l-azzjoni ma twassalx biex tipproduci tali rizultat ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi" (***Giuseppe Camilleri et –vs- Giuseppe Sammut et****, Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Jannar 1953) u jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta (***Michelangelo Bond – vs- Carmelo Mangion et****, Appell Civili, 27 ta' Mejju 1991;* ***Albert Calleja – vs- Orazio Micallef****, Appell Civili, 1 ta' April 1992). Interess li jkun irid jezisti mill-bidu tal-kawza sat-tmiem taghha.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Improved Design Limited vs Antoine Grima** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta' Marzu 2004 intqal illi:

> "*...gie stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha, u ghalkemm il-mottiv tal-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, ghandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kuntrastat.*"

Il-Qorti qed taghmel referenza ghal din il-gurisprudenza ghaliex hija l-fehma konsiderata taghha, illi fir-rigward tal-intimat George Zammit, ir-rikorrent hija karenti mill-interess guridiku rikjest sabiex tkun tista' tkompli din l-azzjoni fil-konfront tieghu, u fin-nuqqas ta' eccezzjoni fuq dan il-punt mressqa mill-intimat, isir dover tal-Qorti illi tqajjem in-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimat George Zammit.

Kif diga ntqal, il-premessi tar-rikors guramentat mhux biss jirreferu tista' tghid esklussivament ghal Brian Zammit, izda aghar minn hekk, fir-rikors guramentat m'hemm **l-ebda talba fil-konfront ta' George Zammit,** u ghalhekk il-Qorti ma' tista' taghmel l-

ebda dikjarazzjoni u l-ebda ordni fil-konfront tieghu. Dan ifisser allura li, minhabba l-mod ta' kif inhu impostat ir-rikors promotur, l-azzjoni ma' tista' qatt ggib rizultat vantagguz jew utli ghar-rikorrenti fil-konfront ta' George Zammit. Konsegwenza ta' dan, huwa car mill-gurisprudenza hawn fuq citata, illi r-rikorrenti m'ghandiex interess guridiku sabiex tkompli din l-azzjoni kontra George Zammit, u ghaldaqstant l-istess George Zammit qieghed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**Ikkonsidrat;**

Huwa principju accettat u assodat fil-gurisprudenza illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega, u cioe, *onus probandi incumbit ei quit dicit non ei qui negat,* u ghalhekk ir-rikorrenti kellha ggib prova ta' dak pretiz minnha fuq bazi ta' bilanc ta' probabilita. Ghalkemm huwa minnu illi fil-kamp civili l-kriterju generalment applikabbli huwa dak tac-certezza morali tal-gudikant, kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Malcolm Pace vs Karl Azzopardi pro et noe et** deciza minn din il-Qorti kif diversamet presjeduta fl-14 ta' Ottubru 2014:

> "*...xorta wahda dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-oneru tal-prova tal-allegazzjonijiet attrici jinkombu lill-istess attur, stante li huwa principju ben assodat li l-prova tal-fatt imiss lil min jallegah ai termini tal-artikolu 562 tal-Kap. 12.*"

Skont ir-rikorrenti, hija kienet taghmel elenku tal-prodotti li kien jixtri l-intimat fuq karta dubblikata u kienet izomm kopja taghha. Dan qalitu waqt il-kontro-ezami taghha,[1] u saret ukoll referenza ghal dan il-fatt, fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti. Pero hawnhekk il-Qorti tistaqsi: fejn huma dawn id-dokumenti u ghalfejn ma gewx prezentati? Kif diga ntqal aktar l-fuq, il-principju huwa illi *quod non est in acti, non est in mundo,* u ghalhekk ta' xejn illi r-rikorrenti tixhed illi kienet izomm elenku tal-prodotti ordnati mill-intimat, u ta' xejn issir referenza ghall-istess elenku fin-nota ta' sottomissjonijiet, ghaliex galadarba r-rikorrenti naqset milli tipproduci dawn id-dokumenti bhal prova, il-Qorti hija prekluza milli tiehu konjizzjoni taghhom. Di piu, l-fatt wahdu illi dawn id-dokumenti jezistu la

[1] Fol 61.

jispjega u lanqas jikkorobora l-pretensjoni tar-rikorrenti, ghaliex hija biss **l-informazzjoni li tinsab fihom,** li tista' taghmel dan.

Il-Qorti ma taqbel xejn mal-argument illi c-cekkijiet allegatament fil-pussess tar-rikorrent ma gewx prezentati ghaliex l-avukat difensur tal-kontro-parti "*ghazel li ma kienx hemm ghalfejn*." Jidher car mill-process illi dak li verament gara hu illi r-rikorrenti naqset milli tipproduci dawn id-dokumenti f'waqqthom, imbaghad ppruvat tipproducihom aktar minn sena wara li kienet ghalqet il-provi taghha. Ghalhekk l-avukat difensur tal-kontro-parti gustament oggezzjoni ghall-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti, u filfatt il-Qorti stess kienet irrimarkat illi "*Mhux l-istadju issa li tesebixxi dawn ic-cheques"*[2], f'liema punt l-avukat difensur tar-rikorrenti wiegeb illi dawk id-dokument "*Imma huma mportanti habba z-zmien. Jiena ovvjamet ha nuza l-fakulta' li ttini l-ligi"*.[3] Fl-ebda hin pero, ma ressaq rikors ghal awtorizazzjoni ta' produzzjoni ta' dawn id-dokumenti. Ghalhekk huwa ghal kwantu skorett illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha r-rikorrenti tghid illi l-intimat ghazel li m'hemmx ghalfejn tipprezenta provi dokumentarji, meta huwa car li dak li verament gara kien illi r-rikorrenti naqset milli tipprezenta provi dokumentarji li jissorreggu t-talba taghha fil-hin, u l-intimat oggezzjoni ghall-produzzjoni tardiva ta' dawn id-dokumenti.

Rigward il-lista ta' prezzijiet moghtija lir-rikorrenti mill-intimat, prezentata in atti a fol 25, il-Qorti tqis illi din ma tistghax titqies bhala prova korroborattiva tal-allegazzjoni tar-rikorrenti illi kien hemm ftehim bejnha u bejn l-intimati li huwa jaghmlilha xi xogholijiet ta' bini bhala tpacija ghall-ammont allegatament dovut lilha. Dan stante illi dan id-dokumenti ma jaghmel referenza ghal xi ftehim ta' din it-tip, u ghalhekk huwa prova biss illi l-intimat kien ta lir-rikorrenti lista ta' prezzijiet ghax-xogholijiet li xtaqet taghmel fil-proprjeta taghha.

Fid-dawl ta' dan il-Qorti tqis ghalhekk illi r-rikorenti ma prezentat ebda prova ta' sustanza, u kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **David Abela pro et noe vs Giuliano Papagni** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-1 ta' Lulju 2017:

[2] Fol 43.
[3] Id.

> "...***evidentement il-Qorti ma tistax tibbaża fuq sempliċi allegazzjonijiet mhux sostanzjati jew ikkorraborati***... *Bl-istess mod* ***kreditu ma jistax jiġi ppruvat fuq sempliċi allegazzjoni biss***."[4]

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti bl-ebda mod ma spjegat b'certu dettal kif waslet ghall-pretensjoni taghha illi hija dovuta minghand l-intimat is-somma ta' €19,659.37, u dan billi mhux talli ma prezentatx il-fatturi relattivi, izda talli lanqas biss spjegat bi precizjoni u fid-dettal l-bazi ta' din il-pretensjoni fix-xhieda taghha. Infatti lanqas biss indikat id-dati ta' meta saru l-ordinijiet jew meta gew konsenjati, u lanqas imqar ma spjegat preciament ezatt x'kien jordna l-intimat jew indikat generikament il-prezz ta' dawn il-prodotti. Naturalment il-Qorti ma tistghax issib favur ir-rikorrenti a bazi ta' allegazzjonijiet illi r-rikorrenti stess lanqas pruvat tissostanzja jew tikkorobora, u huma biss ibbazati fuq xhieda dwar fatti vagi, nieqsin minn kwalunkwe tip ta' dettal. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi t-talbiet tar-rikorrenti ma jistghux jigu milqugha u dan peress illi hija ma pruvatx il-kreditu taghha fuq bilanc ta' probabilitajiet.

Fir-rigward ta' dik il-parti tat-tielet eccezzjoni tal-intimat fejn jigi citat l-Artikolu 2151 tal-Kodici Civili, il-Qorti tqis illi m'huwiex car ezattament x'qed jeccepixxi l-intimat. Dan l-artikolu jipprovdi illi:

> (1) *Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar erba' artikoli qabeldan, ikun hemm lok għall-preskrizzjoni, għad li kien hemm kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bil-kreditu, xogħolijiet,servizzi, jew qadi ieħor.*
>
> (2) *Iżda, f'kull każ bħal dan, jekk il-kreditu għal dawn il-fornituri, kunsinni, xogħolijiet, servizzi, jew qadi ieħor jirriżulta minn kont aċċettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni oħra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni ħlief bl-egħluq ta' ħames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni.*

Peress illi l-ewwel sub-inciz huwa marbut mal-preskrizzjoni imsemmija fl-ahhar erba artikoli ta' qabel l-Artikolu 2151, u peress illi l-preskrizzjoni giet eccepita fir-rigward ta'

[4] Vide wkoll **Dr. H. Lenicher vs J. Camilleri,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 31 ta' Mejju 1972.

George Zammit biss, u mhux ta' Brian Zammit, huwa car illi dan is-sub-inciz m'huwiex applikabbli, peress illi l-Qorti ma tistghax tqajjem hija stess il-preskrizzjoni *ex officio.* Fir-rigward tat-tieni sub-inciz, dan ma jghin bl-ebda mod il-posizzjoni tal-intimat Brian, peress illi dan is-sub-inciz jirregola l-preskrizzjoni fil-kaz ta' kont accettat mid-debitur, u li ghalhekk implicitament ifisser illi l-fatt li l-accettazzjoni tal-kont tad-debitur ma tkunx tirrizulta ma jfissirx illi ma tistghax tirnexxi l-kawza tar-rikorrenti, ghaliex l-effett tal-accettazzjoni hija biss li ttawwal iz-zmien preskrittiv. Ghalhekk din il-parti tat-tielet ecezzjoni tal-intimati qed tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tiddikjara illi r-rikorrenti m'ghandiex interess guridiku fir-rigward ta' George Zammit u konsegwentement tillibera lill-istess George Zammit mill-osservanza tal-gudizzju u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u t-tieni eccezzjoni, tilqa' t-tielet eccezzjoni limitatment u r-raba' eccezzjoni u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## Moqrija

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**